29 ta' Marzu, 1957

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Avukat Dr. Giuseppe Pace ne. *versus* Marietta Annati et.

**Bejgħ ta' Ħaġa ta' Ħadd Ieħor — Azzjoni Rivendikatorja — Legat — Immissjoni fil-Pussess — Fondazzjoni ta' Quddies — Patrijiet Franġiskani — Sindku Apostoliku — Eżekutur Testamentarju — Piż — Integrità tal-Ġudizzju — Beneplaċitu Apostoliku — Nullità — Ekwità —Rinunzja — Art. 1422 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 534 tal-Kodiċi Kanoniku**

*Għalkemm hu veru li skond id-dottrina u l-ġurisprudenza l-legatarju ma jistax jagixxi in rivendika kontra t-terz possessur qabel ma jkun ġie immess fil-pussess tal-legat, jew almenu, jekk l-istess werrieta ma jkunux fil-pussess tal-ħaġa legata, qabel ma jottjeni r-rikonoxximent formali tal-legat, huwa veru wkoll li l-legatarju jista' jitlob il-konsegwiment tal-legat tiegħu minn għand l-eżekutur testamentarju, li huwa l-preżunt mandatarju tat-testatur. Għaldaqstant, is-Sindku Apostoliku tal-Patrijiet Franġiskani, li favur tagħhom it-testatur ikun ħalla legat ta' quddies biex issir fondazzjoni fil-Knisja tagħhom, ma għandux bżonn jitlob l-immissjoni fil-pussess ta' dak il-legat qabel ma jaġixxi biex jirrivendika l-fond assoġġettat mit-testatur għal dak il-quddies, biex ikun jista' jipproċedi għall-erezzjoni kanonika ta' dik il-fondazzjoni; għax hu stess intitolat li jagħti dak il-pussess, bla ma teħtieġlu ebda konferma tas-Sekond'Awla, peress li hu eżekutur ta' fondazzjoni pija in kwantu li hu Sindku Apostoliku.*

*Lanqas ma hu ta' ostakolu għat-talba tas-Sindku Apostoliku, biex il-fond gravat bil-piż tal-fondazzjoni jerġa jidħol fil-patrimonju tat-testatur, il-prinċipju illi l-ħlas tal-legati ma jistgħax isir qabel ma l-assi jiġi depurat mid-djun, u għalhekk qabel ma jiġi likwidat l-assi tat-testatur*

*u jitħallas id-dejn; għax azzjoni simili mhix talba għall-ħlas tal-legat, imma talba diretta biex tirrikonduċi l-fond fl-assi tat-testatur sabiex eventwalment tista' tiġi eżegwita l-fondazzjoni pija li taffettaħ.*

*Lanqas hija attendibbli l-allegazzjoni illi l-ġudizzju mhux integru billi ġie propost biss kontra l-persuna li ttrasferiet il-fond in rivendika u l-persuna li akkwistatu; għaliex, għalkemm hu veru li għar-rivendika tal-oġġetti tal-legat għandu jkun hemm il-permess tal-eredi jew iċ-ċitazzjoni tiegħu mat-terz possessur, dan il-permess mhux neċessarju meta l-attur rivendikant hu anki eżekutur testamentarju fil-kwalità tiegħu ta' Sindku Apostoliku tal-patrijiet li favur tagħhom ġiet ordnata l-fondazzjoni tal-quddies li taggrava fuq il-fond rivendikat.*

*Ma hux eżatt li jingħad li laxxitu tal-fruttat kollu ta' fond biex isir quddies huwa legat tal-proprjetà ta' dak il-fond, għax għalkemm il-fondazzjoni hija oneri reali fuq il-fond, li fil-passaġġi tiegħu jgħaddi mal-fond, bħal l-istess fond, dik il-fondazzjoni mhix kwota tal-proprjetà ħlief fis-sens tal-perċezzjoni tal-fruttat, b'mod li lill-eredi tibqa' biss il-proprjetà nuda tiegħu. Għaldaqstant mhux eżatt li jingħad li laxxitu simili favur il-patrijiet jammonta għal laxxitu tal-proprjetà tal-fond favur dawk il-patrijiet.*

*Id-Dritt Kanoniku ma jeżiġix il-beneplaċitu apostoliku meta jiġi biex jinbiegħ fond li l-valur tiegħu jkun taħt il-limiti stabbilit mill-istess Dritt Kanoniku; iżda dan ma jfisserx illi l-Kunvent tal-Patrijiet jista' jbiegħ fond tal-Kunvent. Jeħtieġ jew ma ieħtieġx dak il-beneplaċitu, l-unika persuna li hija kompetenti biex taljena l-beni tal-Kunvent huwa s-Sindku Apostoliku, u mhux il-Kunvent jew id-Definitorju tal-Kunvent; u għalhekk il-Kunvent lanqas ma jista' jawtorizza l-bejgħ tal-beni tiegħu.*

*Jekk imbagħad persuna tbiegħ fond li ġie mħolli mit-testatur bħala gravat minn fondazzjoni ta' quddies favur il-Kunvent, u dan il-bejgħ isir bħala ħieles minn dak il-piż bis-saħħa ta' deliberazzjoni tal-Definitorju tal-Kunvent, ma jistgħax jiġi akkampat bħala argument biex jiġi sostnut dak il-bejgħ il-fatt li dik l-awtorizzazzjoni tad-Definitorju kienet l-effett ta' żball ta' liġi; għax il-kuntratt tal-bejgħ huwa null mhux in bażi ta' żball, imma għaliex si tratta minn bejgħ ta' ħaġa ta' ħadd ieħor. U kontra din in-nullità lanqas ma jistgħu jiġu nvokati konsiderazzjonijiet bażati fuq l-ekwità.*

*Fl-aħħarnett, il-fatt li l-Kunvent, wara li jkun sar il-bejgħ ta' dak il-fond, jibda jħallas il-kera tal-istess fond lill-akkwirent, ma jinduċix rinunzja għall-azzjoni ta' rivendika tal-fond da parti tas-Sindku Apostoliku; għax dan l-att tal-Kunvent ma jistgħax ikollu riperkussjoni fuq id-drittijiet tas-Sindku Apostoliku fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu; għax il-Kunvent mhuwiex il-mandant tas-Sindku Apostoliku.*

Il-Qorti;—Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina tal-4 ta' Ottubru 1954, fejn jinsabu miġjuba t-talba tal-attur u l-eċċezzjonijiet, tant tal-konvenuta Marietta Annati kemm tal-konvenut John Borg, u li biha, billi ġie ritenut illi t-talba tal-attur nomine kienet preambula għal ġudizzju futur, u li kien jonqos fiħ l-interess ġuridiku għal dan il-ġudizzju futur, u kwindi wkoll l-interess ġuridiku għall-ġudizzju preżenti preambolu, il-konvenuti ġew liberati mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-attur, barra minn dawk tar-rikors tal-konvenut tat-28 ta' Ottubru 1953, li kellhom jibqgħu a kariku tiegħu;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Jannar 1955, li biha l-imsemmija sentenza ta' dik il-Qorti ġiet revokata, billi ġie dikjarat illi l-attur għandu nteress ġuridiku biex jistitwixxi tant din kemm l-azzjoni li tagħha din hi preambula, u ġie ordnat r-rinviju tal-attijiet lil dik il-Qorti sabiex tiġi prosegwita t-trattazzjoni tal-kawża; bl-ispejjeż tażżewġ istanzi relattivi għal dan l-inċident kontra l-konvenut;

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti tat-18 ta' Mejju 1955, li bih,billi l-konvenuta Marietta Annati mietet fil-mori tal-kawża, l-Avukat Dr. Giuseppe Borg Olivier de Puget u l-Prokuratur Legali Edwin Engerer ġew nominati kuraturi in rappreżentanza tal-eredità ġjaċenti ta' Marietta Annati f'din il-kawża u fl-atti l-oħra kollha konnessi u konsegwenzjali;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-imsemmijin kuraturi ......;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-ewwel ta' Ottubru 1956, li biha, wara li rrespinġiet l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti, laqgħet it-talba tal-attur, u ordnat li l-ispejjeż, minbarra dawk ġa deċiżi, iħallsuhom il-konvenut u l-eredità ġjaċenti ta' Marietta Annati, kif rappreżentata f'dan il-ġudizzju; wara li kkunsidrat;

Illi l-fatti tal-kawża, ampjament imfissrin fis-sentenza parzjali tal-4 ta' Ottubru 1954, fil-qosor huma dawn. Bit-testment tiegħu fl-atti tan-Nutar Dr. Ettore Francesco Vassallo tat-2 ta' Jannar 1940, Felice Annati ħalla favur Marietta Annati l-użufrutt tal-fond terran numru 89 Strada San Giovanni Battista, il-lum St. John the Baptist Street, Sliema, bħala kumpens ta' serviġi u kuri li kienet irrendietlu u li kellha tibqa' tirrendilu sa mewtu, bl-obligu li tħallas l-elemożina ta' żewġ quddisiet baxxi fix-xahar fil-Parroċċa tas-Sacro Cuor ta' tas-Sliema b'suffraġju ta' ruħu u skond l-intenzjoni tiegħu; kif ukoll ordna fondazzjoni ta' quddies baxx gravanti tant l-imsemmi terran kemm il-mezzanin sopran 89A., fl-istess trieq u post; liema fondazzjoni, in kwantu kienet tirrigwarda t-terran, kellha tibda wara ċ-ċessazzjoni tal-użufrutt tul ħajjitha ta' Marietta Annati, fuq imsemmi, u in kwantu kienet tirrigwarda l-mezzanin, mill-mewt tat-testatur;

Felice Annati miet fit-2 ta' Marzu 1948. It-testatur imponа din il-fondazzjoni bħala piż reali annwu u matul iż-żmien tal-enfitewsi tal-imsemmija stabili fuq il-kwota li mill-istess żewġ fondi kienu lilu jappartjenu;

Fil-31 ta' Awissu 1949, Marietta Annati talbet il-Kurja Arċiveskovili biex tiġi awtorizzata tbiegħ il-kwota ġa appartenenti lil Felice Annati mill-fond 89A. libera mill-fondazzjoni ġa msemmija, eretta minn Felice Annati. Din il-talba ma mxietx, għaliex l-Awtorità tal-imsemmija Kurja ddikjarat ruħha inkompetenti li tieħu konjizzjoni tagħha. Fit-13 ta' Mejju 1950, Marietta Annati avanzat rikors lir-Reverendu Provinċjal u Venerabbli Definitorju tal-Patrijiet

Franġiskani Minuri tal-Kunvent ta' tas-Sliema, li biħ talbet li tiġi awtorizzata tbiegħ il-mezzanin 89A. ġa msemmi għar-raġunijiet fuq indikati; u fit-12 ta' Lulju 1950 l-imsemmi Definitorju, "servatis servandis", laqa' dik it-talba;

Fil-11 ta' Ottubru 1950, fl-atti tan-Nutar Dr. Mario Bonello, Marietta Annati biegħet lill-konvenut dak il-mezzanin bil-prezz ta' £600; li minnhom il-konvenut ħallasha fuq l-att £200, u l-bilanċ ta' £400 kellu jħallasulha mingħajr interessi f'erbgħa rati, ċjoè £250 appena tiġi otttenuta l-awtorizzazzjoni għal dak il-bejgħ li sar mis-Santa Sede, u fi tliet rati ta' £50 l-waħda kull sena, dekorribbli mill-awtorizzazzjoni ġa msemmija. Il-kontraenti Annati u Borg ftehmu wkoll li dak il-bejgħ kellu jiġi riżolut f'każ li ma tiġix ottenuta d-debita awtorizzazzjoni kompetenti tas-Sacra Congregazione del Concilio jew kwalunkwe awtorità oħra f'kull żmien kompetenti fis-Santa Sede, Ruma, li quddiemha, kif ġie dikjarat, kienu qegħedin isiru il-prattiki neċessarji għal dik l-awtorizzazzjoni. L-attur, fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, jippretendi li dan l-att tal-bejgħ, għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni, għandu jiġi dikjarat null, biex huwa jkun jista' jagħmel il-proċeduri neċessarji għall-erezzjoni kanonika tal-fondazzjoni ordnata minn Felice Annati;

Illi, preliminarment, Marietta Annati u l-konvenut eċċepew illi l-azzjoni odjerna mhix proponibbli mill-attur, għaliex ma jidherx illi huwa ottjena minn għand l-eredi leġittimi jew l-eredità ġjaċenti ta' Felice Annati l-immissjoni fil-pussess tal-legat fil-kwistjoni; kif ukoll għaliex ma jirriżultax li sal-lum l-assi ta' Felice Annati ġie likwidat u d-dejn imħallas;

Illi dawn l-eċċezzjonijiet mhumiex sostenibbli. Kif tajjeb osserva l-attur, infatti, l-azzjoni preżenti tinsab minnu magħmula sempliċement għad-dikjarazzjoni li l-bejgħ fuq imsemmi hu null sabiex huwa jkun jista' in segwitu, u f'każ ta' eżitu favorevoli ta' l-istess dikjarazzjoni, jagħmel il-pro-

ċeduri meħtieġa għall-erezzjoni kanonika tal-imsemmija fondazzjoni. Għall-otteniment ta' din id-dikjarazzjoni ma hemmx bżonn la tal-immissjoni fil-pussess tal-legat u lanqas tal-likwidazzjoni tal-assi ta' Felice Annati; l-istess jistgħu talvolta jsiru jekk u wara li tiġi ottenuta dik id-dikjarazzjoni;

Illi ma hemmx dubju li bit-testment fuq imsemmi Felice Annati ħalla lil Marietta Annati legat ta' użufrutt tul ħajjitha tat-terran numru 89, imma ma ħallielhiex, la b'legat ta' użufrutt u lanqas ta' proprjetà, l-imsemmi mezzanin numru 89A.; u għahekk hija ma setgħetx tbiegħ dak il-mezzanin, li ma kienx tagħha; u dak il-bejgħ hu null (art. 1422 Kod. Ċivili);

Illi hu veru li Marietta Annati kienet otteniet mill-imsemmi Definitorju tal-Kunvent il-permess biex tbiegħ dak il-mezzanin; imma, apparti li hija ma ġietx awtorizzata biex tbiegħ dak il-fond għan-nom tagħha, kif fil-fatt għamlet, dik l-awtorizzazzjoni ġiet mogħtija bir-riżerva "servatis servandis", jiġifieri jekk u safejn l-istess Definitorju sata' u kellu d-dritt li jagħti dik l-awtorizzazjoni; u kull awtorizzazzjoni li ta għal dak il-bejgħ hi bla effett. L-ewwelnett, għaliex dak il-mezzanin qatt ma kien jappartjeni lill-Kunvent, billi ma ġiex imħolli lilu minn Felice Annati, u għalhekk l-istess Kunvent ma sata' qatt jagħti awtorizzazzjoni ta' bejgħ ta' ħaġa li ma kienetx tiegħu. Mbgħad, anki kieku dak il-mezzanin kien jappartjeni lill-Kunvent għaliex ġie mħolli lilu, il-Kunvent ma setgħax jiddisponi b'bejgħ, jew jawtorizza lil xi ħadd biex jiddisponi b'bejgħ għan-nom tiegħu, dak il-fond, billi hu biss is-Sindku Apostoliku tal-istess Kunvent li jista' "nomine Papae et Romanae Ecclesiae acceptare, alienare, vendere, distrahere, etc. res mobiles Fratribus oblatas......" (p. 118 dok. fol. 128);

Illi jista' jingħad illi l-iskop ta' Marietta Annati meta għamlet dik it-talba, u l-ħsieb tad-Definitorju tal-Kunvent meta laqagħha, kif jidher mid-dokument fil-fol. 18 tal-pro-

ċess, kien dak tal-eżenzjoni mill-ħlas taċ-ċelebrazzjoni taż-żewġ quddisiet, jiġifieri mil-piż tal-fondazzjoni relattiva, u għalhekk b'dik l-awtorizzazzjoni għall-bejgħ il-Kunvent implicitament irrinunzja għall-istess fondazzjoni. Imma l-ipotesi ta' din ir-rinunzja implicita ma treġix. It-talba ta' Marietta Annati avanzata fid-Definitorju tal-Kunvent kienet sempliċement għall-bejgħ tal-mezzanin li, kif ingħad, la kien tagħha u lanqas tal-Kunvent; il-fondazzjoni taż-żewġ quddisiet kienet, kif għadha, tolqot lit-terran, u mhux lill-mezzanin; u f'kull każ, dik il-fondazzjoni ma kienetx għadha aċċettata mill-Kunvent, billi dik l-aċċettazzjoni trid issir mill-attur nomine, li minnu wkoll trid issir ir-rinunzja għaliha (p. 118, 119 Dok. fol. 128);

Illi hija inattendibbli s-sottomissjoni tal-konvenut li, jekk il-kuntratt tal-bejgħ jiġi riżolut, l-attur għandu jħallsu d-danni li sofra. Skond id-dispożizzjoni tal-art. 1422 tal-Kodiċi Ċivili, il-bejgħ ta' ħaġa ta' ħadd ieħor hu null; iżda dan il-bejgħ jista' jagħti lok għall-ħlas tad-danni jekk ix-xerrej ma kienx jaf illi l-ħaġa kienet ta' ħadd ieħor. Issa, hu evidenti li tant Marietta Annati kemm il-konvenut ma kienux in bwona fede meta għamlu l-kuntratt tal-bejgħ tal-mezzanin. In kwantu għal Marietta Annati, din kienet taf li hija ma kellhiex ebda dritt ta' proprjetà jew ta' użufrutt fuq il-mezzanin, u li l-obligu taż-żewġ quddisiet kien impost fuq it-terran li tiegħu kellha l-użufrutt, u mhux fuq il-mezzanin, b'mod li anki t-talba tagħha lid-Definitorju tal-Kunvent ġiet minnha avanzata fuq premessi mhux konformi għall-fatti. In kwantu għall-konvenut, dan, mir-riċerki li għamel, jew suppost li għamel, kellu jkun jaf li Marietta Annati ma setgħetx tiddisponi minn dak il-mezzanin, għaliex ma kienx jappartjeni lilha; però hu żgur li huwa kien jaf li Marietta Annati ma setgħetx tbiegħ il-mezzanin mingħajr awtorizzazzjoni "ad hoc" tas-Santa Sede; tant illi mill-prezz miftiehem ta' £600 huwa ħallas lil Marietta Annati £200 biss, u l-bilanċ kellu jħallsu appena tiġi ottenuta l-awtorizzazzjoni għal dak il-bejgħ mis-Santa Sede; anzi ġie miftiehem li l-bejgħ kellu jiġi riżolut f'każ li ma tiġix ot-

tenuta dik l-awtorizzazzjoni. Hu ċar li l-konvenut, u f'dan il-każ anki Marietta Annati, ma kienux iżommu dik ir-riżerva kieku kienu ċerti u persważi li Marietta Annati kienet qegħdha tbiegħ, u l-konvenut kien qiegħed jixtri, sewwa dak il-mezzanin;

Illi b'dan il-mod hu evidenti li l-kuntratt tal-bejgħ fl-atti tan-Nutar Dr Mario Bonello tal-11 ta' Ottubru 1950, bejn Marietta Annati u l-konvenut, hu null u ta' ebda effett;

Illi, kif ġie ritenut fis-sentenza parzjali tal-4 ta' Ottubru 1954, konfermata f'dan ir-rigward mill-Qorti tal-Appell bis-sentenza tal-24 ta' Jannar 1955, l-attur għandu l-interess u d-dritt għad-dikjarazzjoni mitluba minnu fiċ-ċitazzjoni għall-finijiet hemm indikati;

Rat fil-fol. 183 il-petizzjoni tal-konvenut John Borg, li biha appella u talab li s-sentenza fuq imsemmija tal-ewwel ta' Ottubru 1956 tiġi revokata, billi tiġi milqugħa l-eċċezzjoni preliminari li ġiet mitħuda mill-Ewwel Qorti, u milqugħa wkoll l-eċċezzjoni relattiva għar-rinunzja tal-azzjoni da parti tal-attur, u tiġi respinta t-talba tal-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur nomine appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-konvenut Borg kien issolleva ż-żewġ punti ta' indoli preġudizzjali: wieħed, li l-azzjoni ma hix proponibbli mill-attur, għaliex għad ma hux immess fil-pussess tal-legat; u l-ieħor, li ma jirriżultax sal-lum li l-assi ta' Felice Annati ġie likwidat u d-dejn imħallas; u kwindi l-attur nomine ma jistax jaġixxi għall-legat. Fil-petizzjoni tal-appell, il-konvenut Borg amplifika l-ewwel eċċezzjoni, fis-sens li estendiha għal dik ta' nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju, billi l-attur nomine kien imissu, ġa ladarba qie-

għed jeżerċita azzjoni li tammonta għall-azzjoni ta' rivendika, jew ġieb il-permess tal-eredi jew ikkonvenihom flimkien mat-terz;

Kwantu għall-ewwel eċċezzjoni;

Għalkemm hu veru li, skond id-dottrina u l-ġurisprudenza, il-legatarju ma jistax jaġixxi in rivendika kontra t-terz possessur qabel ma jkun ġie immess fill-pussess tal-legat, jew, almenu, jekk l-istess werrieta ma jkunux fil-pussess tal-ħaġa legata, qabel ma jottjeni minn għandhom ir-rikonoxximent formali tal-legat (App. "La Rosa utrinque", 1.VI.1936, Vol. XXIX-I-675), hu anki veru li l-legatarju jista' jitlob il-konsegwiment tal-legat tiegħu minn għand l-eżekutur testamentarju (Pothier, Dei Testamenti, Cap. 5, sez. 3, art. 1, para. 1), li hu preżunt mandatarju tat-testatur (Kollez. Vol. XXVII-II-89; Vol. XXI-I-273), u għandu l-prerogattiva li jqiegħed ruħu fil-pussess tas-sustanzi tal-mejjet. F'dan il-każ, l-attur nomine stess ġie nominat minn Felice Annati, id-decujus, fis-sebgħa artikolu tat-testment tiegħu fol. 5 et seq., bħala eżekutur testamentarju tiegħu, appuntu fl-istess kwalità ta' Sindku Apostoliku, u konsegwentement l-attur nomine ma kellux il-bżonn li jitlob l-immissjoni fil-pussess, għax hu stess intitolat li jagħti dak il-pussess (ara każ analogu msemmi Vol. IX kollez., p. 61 prima colonna), bla ma teħtieġlu ebda konferma tas-Sekond'Awla, peress li hu eżekutur ta' fondazzjoni pija in kwantu li hu Sindku Apostoliku (Kollez. VII, p. 651; App. "Dr Chapelle vs Borg", 24 ta' Novembru 1876, inedita);

Kwantu għat-tieni eċċezzjoni;

Hu veru li l-ġurisprudenza hi konkordi filli tirritjeni, in bażi għall-prinċipju li l-legat hu dejn tal-wirt, "delibatio haereditatis", u għall-prinċipju l-ieħor "nemo libera-

lis nisi liberatus", illi l-ħlas tal-legat ma jistax jsir qabel ma l-assi jiġi depurtat mid-dejn (Kollez. Vol. VIII, p. 11; Vol. XXVI-I-777); imma hu ugwalment veru li f'dan l-istadju, bl-azzjoni proposta ma hemmx it-talba għall-ħlas, imma hemm biss talba diretta biex tirrikonduċi l-fond fl-assi ta' Felice Annati, sabiex eventwalment tista' tiġi eżegwita l-fondazzjoni pija li taffettaħ. Kwindi l-eċċezzjoni hija infondata, għax intempestiva;

Kwantu għall-eċċezzjoni li l-ġudizzju ma hux integru;

Hu veru li, meta t-talba hi għar-rivendika tal-oġġett legat, allura għandu jkun hemm jew il-permess tal-eredi jew iċ-ċitazzjoni tiegħu mat-terz possessur (Vol. IX, p. 56, Kollez.). F'dan il-każ, l-attur nomine hu anki eżekutur fl-istess kwalità, u kwindi dak il-permess ma hux neċessarju għalieħ stess;

Ikkunsidrat, fil-meritu;

Il-fatti li minnhom oriġinat din il-kawża ġew indikati fiż-żewġ sentenzi tal-prima istanza fuq imsemmija, u ma hemmx bżonn jiġu ripetuti;

Il-konvenut appellant qiegħed isostni l-validità tal-att tal-bejgħ impunjat mill-attur nomine maġġjorment b'dan l-argument:— Hu ssottometta li Felice Annati, id-decujus, ħalla b'titolu ta' laxxitu piju ta' quddies il-fruttat kollu tal-fond mibjugħ (ħames artikolu tat-testment, fol. 7). Laxxitu simili, isostni l-appellant, hu legat ta' proprjetà; u peress li dak il-laxxitu kien favur il-Kunvent li tiegħu hu "Sindaco Apostolico" l-attur, għalhekk dak il-Kunvent, bil-laxxitu, akkwista l-proprjetà tal-fond. Kwindi, ikompli jargumenta l-appellant, il-Kunvent, per mezz tad-deċiżjoni tal-venerabbli Definitorju riferita fl-att tal-bejgħ, sata' jaljena favur Marietta Annati l-proprjetà tal-fond; u konsegwentement hi setgħet tbiegħ il-fond bħala ta' proprjetà tagħha. Sabiex id-Definitorju sata' jittrasferixxi d-drittijiet tiegħu favur Marietta Annati (ikompli jgħid l-appellant), ma kienx jeħtieġ il-beneplaċitu apostoliku, għaliex

dan ma hux neċessarju skond il-kanone 534 tal-Kodiċi Kanoniku, u skond id-digriet tas-Sacra Congregazione Concistoriale tat-13 ta' Lulju 1951, li adatta għaż-żminijiet tal-lum id-dispost ta' dak il-kanone, meta l-valur tal-fond li jkun sejjer jiġi trasferit ma jkunx jissupera s-somma ta' għaxart elef frank "oro", li d-Delegat Apostoliku tal-Gran Brettanja, taħt direttivi ta' dik is-Sacra Congregazione, stabbilixxa bħala ekwivalenti għal £2000 ingliżi; u f'dan il-każ il-valur kien £600 (fol. 11);

In kwantu għall-ewwel parti tal-argument, ma hux eżatt li jingħad li laxxitu piju simili jekwivali għal laxxitu tal-proprjetà tal-fond. L-eżami tas-sentenzi nostrali in propożitu ma jistax iwassal għal dik il-konklużjoni. Infatti, milli jidher, l-ewwel darba li ġie nvestit il-pont kien fl-okkażjoni tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (Pres. Sir Antonio Micallef, Imħallef Dr Pasquale Grungo u Antonio Maria Debono), fil-kawża "Amato vs Saċ. Grima", fl-ewwel ta' Marzu 1861, inedita. Imma mill-eżami ta' din is-sentenza jidher li ċ-ċirkustanzi kienu għal kollox speċjali. Infatti, f'dak il-każ it-testatur, wara li ddispona li l-fruttat ta' ċerti beni minnu speċifikati kellu jservi għall-obligi piji minnu ndikati, ordna li dawk il-beni jiġu segregati mill-assi, u n-nomina tal-eredi universali ġiet magħmula "su tutt'altri beni del disponente"; u kien in vista ta' dawn iċ-ċirkustanzi speċjali li l-Qorti qalet hekk:— "Che dalla detta circostanza dell'ordinata delibazione dall'asse dei detti beni assoggettati alla detta fondazione, dalla detta nomina in erede sopra tutt'altri beni ...... e da tutto l'assieme del contesto della detta disposizione, deve essera ritenuto che il dominio dei detti beni, morto il disponente, è stata acquistata dalla detta Chiesa o pia fondazione";

Fis-sentenza, ukoll ta' din il-Qorti (Pres. Sir Giuseppe Carbone, Imħallfin Dr Paolo Debono u Baruni Dr Chappelle), tal-10 ta' Marzu 1905, Kollez. Vol. XIX-I-93, "Mattei vs Dalli", ġiet ċitata s-sentenza "Amato vs. Grima" fuq imsemmija, u, f'każ fejn it-testatur kien ordna li l-fruttat

tal-istabili tiegħu kollha jservi għal ċerti laxxiti piji, in perpetwu, ġie ritenut, għall-finijiet tal-Liġi tal-Manomorti, li b'daqshekk daqs kieku l-fondi ġew imħollija lill-Knisja. Però, il-Qorti spjegat f'liema sens dan kien qiegħed jingħad; fis-sens, ċjoè, li, ġaladarba l-fruttat kien qiegħed jiġi mpjegat kollu kemm hu fil-laxxiti piji u in perpetwu, lill-eredi ma kien jibqgħalhom xejn ħlief in-nuda proprjetà in perpetwu, u din ma kellha ebda valur fil-kummerċ, mentri l-Proklama tal-Manomorti kien intiż biex l-istabili ma jiġux sottratti għaċ-ċirkolazzjoni;

Fis-sentenza "Canco. Pace ne. vs. Borg", mogħtija fid-9 ta' Frar 1903 (Imħ. Dr. Z. Roncali), Vol. XVIII-II-233, intqal, dwar piż pagabbli lill-Knisja impost fuq il-fond, li dak ma kienx kreditu b'ipoteka fuq il-fond soġġogat u favur il-Knisja, imma komproprjetà fi kwota tal-fond korrispondenti għall-valur tal-piż kapitalizzat. Ġiet ċitata f'din is-sentenza, bħala bażi ta' dan il-prinċipju, is-sentenza tal-Prim'Awla "Vassallo vs. Cortis", tal-15 ta' Ġunju 1899, konfermata fl-Appell fit-8 ta' Diċembru ta' l-istess sena. Però, dan kien effett ta' żvista; għaliex din is-sentenza, riportata fil-Vol. XVII-I-74, ma kienetx stabbiliet dan il-prinċipju, imma kienet qalet biss, riferibbilment għad-deċimi tal-Katidral, li dawn ma kienux dritt personali, talvolta munit b'ipoteka, imma "un diritto reale "quod afficit fundum", ċjoè "onore reale" — ħaġa diversa mill-komproprjetà;

Fl-istess sens ta' piż reali fuq il-fond hi s-sentenza tal-Prim'Awla "Muscat vs Vella", 15 ta' Mejju 1903, Vol. XVIII-II-288;

Għalhekk, l-ewwel parti tal-argument ma hix sostenibbli; għaliex, għalkemm il-fondazzjoni in kwistjoni hija oneri reali fuq il-fond, "afficit fundum", li fil-passaġġi tiegħu jgħaddi mal-fond, bħal l-istess fond, ma hijiex kwota tal-proprjetà ħlief fis-sens tal-perċezzjoni tal-fruttat, b'mod li lill-eredi tibqa' biss in-nuda proprjetà. F'dan is-sens jitħaddtu dawk is-sentenzi fuq "una modificazione della proprietà";

It-tieni parti tal-argument lanqas ma hi aċċettabbli. Hu veru illi l-kanone 534 ma jeżiġix il-beneplaċitu apostoliku meta l-valur ikun taħt il-limiti fuq imsemmi; imma dan ma jġibx, fil-każ preżenti, li l-Kunvent sata', ladarba l-prezz tal-bejgħ kien taħt il-limiti, ibiegħ hu, u mhux is-Sindku Apostoliku. Infatti, fost l-"officia" tas-Sindku Apostoliku — anzi l-ewwel wieħed — hemm dak" ...... quod possit nomine Papae et Romanae Ecclesiae acceptare, alienare, vendere, distrahere, etc. res mobiles et immobiles Fratribus oblatas ......" Wara li jingħad dan, hemm miktub: — "......id fieri nequit nisi de legitima superiorum licentia, et per syndicum Apostolicum". Mbgħad hemm inkorporat id-dispost tal-kanone fuq imsemmi, bid-distinzjoni taż-żewġ każijiet, wieħed fejn jeħtieġ il-beneplaċitu apostoliku, u l-ieħor fejn ma hux meħtieġ;

Għalhekk jidher ċar illi, sew jekk jeħtieġ jew ma jeħtiegx dan il-beneplaċitu, l-unika persuna kompetenti biex taliena l-beni tal-Kunvent huwa s-Sindku Apostoliku, u mhux id-Definitorju (ara paġ. 118 tal-ktieb fol. 128);

Gie anki avanzat l-argument li, se maj, kull ma ġara kien effett ta' żball li jivverti fuq il-liġi, u li, anki jekk jitqies li dan l-iżball kien il-kawża unika jew prinċipali tal-kuntratt (art. 1018 Kap. 23), ma kienx skużabbli, u għalhekk, skond xi ġuristi, bħala żball gravi u inskużabbli, ma għandux jitqies, u l-kuntratt għandu jibqa' sħieħ (ara. fol. 162 u fil-petizzjoni). Issa, hu veru li hija ħaġa verament sorprendenti, biex wieħed jgħid l-anqas, illi d-Definitorju sata' qatt jieħu d-deċiżjoni li hemm fid-dokument markat "A" fol. 19, illi ċjoè jikkonċedi lil Marietta Annati li tbiegħ il-fond "de quo", għaliex il-parteċipanti tas-seduta tat-12 ta' Lulju 1950 ma setgħux jinjoraw li Marietta Annati ma kellha ebda dritt fuq il-fond, u li huma xejn ma setgħu jagħmlu skond il-Kostituzzjoni tagħhom jekk mhux per mezz tas-"Sindaco Apostolico"; u kieku ħadu atteġġjament divers, din il-vertenza, li minħabba fiha l-kumpratur sejjer ċertament ibati, kienet tiġi evitata. Iżda l-argument

tal-iżball skużabbli ma jistax jaffetta l-kwistjoni nvoluta f'din il-kawża, in kwantokkè li l-kuntratt hu null mhux in bażi ta' żball, imma għaliex il-venditriċi ebda jedd ma kellha fuq il-fond minnha mibjugħ, u l-Kunvent ebda jedd ma sata' jagħtiha; vwoldiri l-att hu null għaliex hu null il-bejgħ ta' ħaġa ta' ħadd ieħor, għan-norma tal-art. 1422 Kap. 23 Ediz. Riv.;

Intqal ukoll li Marietta Annati biegħet għan-nom tal-Kunvent, u li għalhekk l-att hu sostenibbli. Iżda, apparti li mill-att jidher li hi biegħet għan-nom tagħha, u ebda "adminiculum probationis" ma hemm fil-karti proċesswali li jista' juri li hija biegħet għall-Kunvent, hu ċert li l-Kunvent ebda jedd ma kellu hu stess li jbiegħ il-fond, skond dak li ġie superjorment espost;

Ġiet invokata anki mid-difensur tal-kumpratur John Borg, appellant, l-applikazzjoni ta' kriterji ta' ekwità per mezz tal-"Epikeja". Din hi definita fit-test "Theologiae Moralis Rudimenta" ta' Bellacosa, paġ.33, bħala "benigna legis interpretatio, qua prudenter creditur aliquem casum ob aliquas circumstantias in lege non comprehendi". Issa, għalkemm dawn il-konsiderazzjonijiet ekwitattivi jistgħu talvolta jiswew lill-appellant għall-finijiet ta' suppliki, li hu jkun jista' jidhirlu li jagħmel lill-Awtorità Ekkleżjastika, però, "civiliter", dan l-argument ma jistax jiġġjovah, għaliex l-istess "epikeja" hija (ibidem nota 5) "mentem legislatoris interpretando cum fundamento, decernit non fuisse mentem legislatoris illum casum comprehendere in lege sua"; u ċertament, ġa ladarba Marietta Annati ebda jedd ma kellha fuq il-fond, ma jistax bl-ebda mod jingħad li l-każ ma hux kompriż fid-dispost tal-art. 1422, li jiddisponi li l-bejgħ ta' ħaġa ta' ħadd ieħor hu null;

Lanqas hi ta' siwi l-osservazzjoni l-oħra tal-appellant li bid-deċiżjoni tad-Definitorju ġie faċilitat il-ħlas tad-dejn tat-testatur u ġiet reża aktar adegwata r-rimunerazzjoni ta' Marietta Annati għas-serviġi li hija kienet irrendiet

fill-istess testatur (nota fol. 166). Infatti, jibqa' dejjem, biex jiżvalorizza dan ir-riliev, li d-Definitorju ma kellux id-disponibbiltà tal-fond, u lanqas ma kellha din id-disponibbiltà Marietta Annati;

L-appellanti ssolleva ukoll il-pont tar-rinunzja għall-azzjoni, billi sostna illi l-attur, jew il-Kunvent minnu rappreżentat, wara l-kuntratt tal-bejgħ, ħallas il-kera lill-appellant bla ma għamel ebda riżerva (xhieda tal-appellant);

Kif jidher mix-xhieda tal-konvenut, fol. 68 tergo u 69, wara li xtara l-post, il-Kappillan tal-Kunvent fuq imsemmi kien beda jħallas il-kera lilu;

Issa, din l-eċċezzjoni qegħda tiddiskonoxxi l-karattru essenzjali u fondamentali tal-uffiċċju ta' "Sindaco Apostolico". Dan, infatti, jirċievi l-awtorità tiegħu direttament u unikament mill-Qdusija Tiegħu l-Papa, u mhux mill-Kunvent. Jingħad fir-Regoli jew "Liber Vitae" tal-Frati Minuri dan li ġej a propożitu:- "Et sic, ut patet, Syndicus Apostolicus taliter a Ministris nominatus et a Papa institutus, nec est, nec dici potest, interposita persona aut receptor Fratrum; quia nec auctoritate Fratrum constituitur, nec administrationem aut actionem habet in res alienas, quarum jus vel dominium ad Fratres pertineret, nec ullam actionem Fratrum exercet, sed auctoritate ipsius Papae instituitur et eadem auctoritate ejusque nomine agit, quidquid agit" (Ktieb fol. 128, paġ. 145-116);

Għamel x'għamel, għalhekk, il-Kunvent in kwantu għall-ħlas tal-kera lill-appellant meta dan akkwista l-fond, ċert li l-att tal-Kunvent ma seta' qatt ikollu ebda riperkussjoni fuq id-drittijiet tal-attur fil-kwalità tiegħu li fiha qiegħed jaġixxi; appuntu għaliex il-Kunvent ma hux il-mandant tiegħu;

Għalhekk ma jikkonkorri ebda motiv biex tiġi varjata l-konklużjoni li Marietta Annati, meta għamlet mal-kon-

venut appellant l-att eżibit in kopja fol. 10, ma kellha ebda jedd fuq il-fond minnha mibjugħ, u kienet qegħedha tbiegħ ħaġa ta' ħadd ieħor, u li per konsegwenza l-bejgħ kien null għas-sens tal-liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell tal-konvenut Borg u tikkonferma s-sentenza appellata;

L-ispejjeż tal-Ewwel Istanza jibqgħu kif regolati; dawk ta' dan l-appell iħallashom l-appellant.